MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 198/2008

**MELI BUGEJA TRADING LIMITED** (C-24808)
vs
**INTERNATIONAL PLASTERING COMPANY LIMITED** (C-16824), Sebastiano Guccione u Rita Guccione

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Frar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti ssib li (a) l-kumpannija mħarrka naqset milli twettaq f'waqthom ir-rabtiet tagħha li saru b'kuntratt tat-30 ta' Ottubru, 2007, li tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erbgħa u tletin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€ 18,634.99) sal-31 ta' Diċembru, 2007, f'xogħol li l-istess kumpannija mħarrka kienet intrabtet li tagħmel għall-benefiċċju u fuq talba tal-kumpannija attriċi; (b) minħabba dak in-nuqqas, l-istess kumpannija mħarrka tilfet il-benefiċċju taż-żmien mogħti lilha fl-imsemmi

kuntratt, u għalhekk għandha tħallas minnufih l-imsemmija somma ta’ € 18,634.99 flimkien mas-somma ta’ tmenin elf seba’ mija u tnejn u sittin euro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€ 80,762.34) li tirrappreżenta l-bilanċ minn somma akbar ta’ disgħa u disgħin elf tliet mija u sebgħa u disgħin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€ 99,397.53) mertu tad-dejn kollu mistqarr li l-istess kumpannija mħarrka għandha mal-kumpannija attriċi skond l-imsemmi kuntratt; (ċ) tistabilixxi l-valur tax-xogħol li l-kumpannija mħarrka laħqet għamlet għall-benefiċċju tal-kumpannija attriċi, u tnaqqas l-imsemmi ammont mis-somma sħiħa li għandha titħallas lill-kumpannija attriċi; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin kollha, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsuha s-somma bilanċjali li tirriżulta flimkien mal-imgħaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’seħħ mill-1 ta’ Jannar, 2008 ’il quddiem. Talbet ukoll l-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ April, 2008, li bih u fuq talba tal-kumpannija attriċi, ordnat li n-notifika tal-imħarrkin ssir bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni skond l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-17 ta’ Ġunju, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu, għaliex ir-rabta li saret fil-kuntratt ma kenitx dik li jħallsu s-somma ta’ € 18,634.99, imma li l-kumpannija mħarrka tingħata tagħmel xogħol b’appalt, liema xogħol ma sarx iżda dan mhux bi ħtija tagħha imma għal raġunijiet li taħti għalihom l-istess kumpannija attriċi. Laqgħu wkoll billi qalu li t-tielet talba ma tistax tintlaqa’ lanqas għaliex, minħabba f’hekk, saret qabel waqtha għaliex iż-żmien mogħti għall-ħlas għadu għaddej. Laqgħu wkoll għat-talba tal-imgħax, għaliex jgħidu li l-kuntratt kien jgħid li l-ammont tad-dejn ma kellux jiġbor fuqu l-ħlas tal-imgħax;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Ġunju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għall-provi kollha tal-partijiet għal waqt is-smigħ tal-5 ta’ Novembru, 2008;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi;

Rat li l-imħarrkin naqsu li jidhru jew li jressqu provi meta ssejħet il-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal ħlas ta' dejn mistqarr f'kuntratt pubbliku, li fih kien miftiehem il-mod u ż-żmien tal-ħlas tiegħu. Il-kumpannija attriċi trid li, minħabba li l-kumpannija mħarrka (il-midjuna tagħha) naqset li twettaq dak li ntrabtet bih fiż-żmien lilha mogħti, d-dejn kollu li għad fadal għandu jitħallas f'daqqa minnufih bla terminu ta' żmien flimkien mal-imgħax skond il-liġi;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li t-talba għall-ħlas ma setgħet qatt issir għaliex id-dejn li kellu jitħallas kien maħsub li jsir b'xogħol u mhux bi ħlas ta' flus, u ladarba x-xogħol ma sarx saż-żmien miftiehem bi ħtija tal-kumpannija kreditriċi, ma huwiex xieraq li jintilef iż-żmien li fih kellha titwettaq l-obbligazzjoni. Fuq kollox, il-kuntratt kien jgħid li ma kellu jgħaddi l-ebda mgħax fuq id-dejn u għalhekk m'huwiex sewwa li jintalab l-imgħax issa;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija mħarrka kienet xtrat merkanzija mingħand il-kumpannija attriċi li baqgħet ma ħallsithiex tiegħu. Din il-merkanzija kienet tiswa b'kollox is-somma ta' Lm 42,671.36[1]. B'kuntratt pubbliku li sar fit-30 ta' Ottubru, 2007[2], il-kumpannija mħarrka stqarret li kellha tagħti lill-kumpannija attriċi l-imsemmija somma u ntrabtet li tħallasha lura billi, sa għeluq dik is-sena, tħallas b'kemm

[1] € 99,397.53 fi flus tal-lum
[2] Dok "A", f'paġġ. 5 – 7 tal-proċess

jiswew Lm 8,000[3] f'xogħlijiet b'appalt mogħti lilha mill-kreditriċi, u l-bqija meta l-kumpannija mħarrka titħallas minn kumpannija oħra debitriċi tagħha (jisimha Int-Med Limited), dak inhar minn liema miż-żewġ ġrajjiet isseħħ l-ewwel. L-imħarrkin Sebastiano u Rita miżżewġin Guccione daħlu bħala garanti solidali mal-kumpannija mħarrka fuq l-istess kuntratt. Fost il-garanziji li taw il-garanti, l-imħarrka tat ipoteka speċjali favur il-kumpannija attriċi sal-ammont kollu tal-kreditu fuq blokka bini bl-isem ta' "Edera", fi Triq tal-Ibraġġ, f'Tal-Ibraġ, limiti tas-Swieqi;

Illi jidher li għalkemm il-kumpannija mħarrka wettqet xi biċċa mix-xogħol imsemmi[4], sa tmiem l-2007 ma kenitx wettqet xogħol fl-ammont imsemmi. Minbarra f'hekk, il-kumpannija attriċi ħallset hi għall-materjal li ntuża biex bih sar dak ix-xogħol. Dan il-materjal kien jiswa tmien mija u tnejn u sebgħin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€872.28). Il-kumpannija mħarrka kienet wettqet xogħol li kien jitla' għal elf tmien mija u disa' euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€1809.94) rappreżentanti xogħol magħmul fil-kisi ta' garaxx; u f'ammont ieħor ta' elf ħames mija u erbatax-il euro u ħdax-il ċenteżmu (€1514.11) f'xogħol ta' kisi ta' appartament. Sa żmien wara li sar il-kuntratt, il-kumpannija mħarrka kienet ingħatat iċ-ċavetta tal-post fejn kellhom isiru x-xogħlijiet appaltati. Meta waqaf ix-xogħol, il-kumpannija attriċi talbet li tingħata lura ċ-ċavetta. Il-kawża nfetħet fi Frar tal-2008;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ iduru kollha mal-kunċett tat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien biex id-debitur iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu. Fil-każ tal-lum, l-obbligazzjoni kienet tikkonsisti fi ħlas lura ta' dejn magħruf. Dan il-ħlas lura kellu jsir f'biċċa minnu bi twettiq ta' xogħlijiet u l-bqija fir-radd lura ta' somma fi flus. Il-kumpannija attriċi qiegħda tgħid li seħħew ċirkostanzi li, minħabba fihom, il-kumpannija mħarrka debitriċi tagħha tilfet il-benefiċċju li tibqa' tistenna sal-għeluq kollu taż-żmien li tatha biex troddilha lura kulma fadlilha tagħtiha;

---

[3] € 18,634.99
[4] Xhieda ta' Michael Meli Buġeja 5.11.2008, f'paġġ. 22 – 5 tal-proċess

Illi l-ġrajja ta' dan il-każ trid titqies fil-qafas tar-regola li l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni sseħħ hekk kif il-parti tintrabat biha. L-għoti ta' żmien lid-debitur tal-obbligazzjoni huwa, għalhekk, eċċezzjoni għal dik ir-regola. Il-liġi ssemmi li jista' jsir qbil li l-obbligazzjoni titwettaq billi jingħata żmien[5]. Iżda ż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha[6], u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien[7], li huwa benefiċċju meqjus mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni[8]. Dan il-benefiċċju jista' jingħata suġġett għal kundizzjonijiet li, hekk kif iseħħu jew xi waħda minnhom, iż-żmien mogħti jintilef. Il-liġi taħseb ukoll għat-telfien ta' benefiċċju bħal dan meta d-debitur ma jibqax solvibbli, jew iseħħ bdil fil-kundizzjoni tiegħu b'mod tali li jqiegħed fil-periklu l-ħlas tal-kreditu[9];

Illi l-fatt waħdu li debitur jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas b'rati li jkunu miftehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu ma jwassalx għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur[10]. Fil-każ tal-lum, il-kuntratt kien jagħmilha ċara li d-dewmien kien iġib il-konsegwenza tat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien;

Illi minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tal-każ, joħroġ li mhux ix-xogħol kollu li kellu jsir sal-aħħar tal-2007 laħaq sar. Sar anqas minn sest ta' dak li kellu jsir. L-imħarrkin jgħidu li għal dan kienet taħti l-istess kumpannija attriċi kreditriċi. Iżda l-imħarrkin naqsu għal kollox milli jressqu ħjiel ta' prova biex isostnu din ix-xilja tagħhom. Lanqas hija ta' fejda għalihom it-Tweġiba Maħlufa mressqa minnhom stess għaliex hija nieqsa għal kollox minn stqarrija ta' xi fatti jew provi dokumentali li jwaqqgħu dak li kontra tagħhom jippruvaw l-atti l-oħrajn tal-kawża. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li tant ma kienx hemm xkiel min-naħa tal-

[5] Art. 1070(1) tal-Kap 16
[6] Art. 1071 tal-Kap 16
[7] Art. 1072 tal-Kap 16
[8] Art. 1073 tal-Kap 16
[9] Art. 1079 tal-Kap 16
[10] Ara, per eżempju, P.A. **26.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Vella Muscat*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.948)**

kreditriċi attriċi, li saħansitra xtratilhom hi l-materjal biex ix-xogħol seta’ jsir u tathom iċ-ċavetta tal-post fejn kellhom isiru l-imsemmija xogħlijiet;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li seħħet tassew ċirkostanza li minħabba fiha l-kumpannija mħarrka naqset bi ħtija tagħha li twettaq f’waqthom ir-rabtiet tagħha u b’hekk tilfet il-benefiċċju li titlob iż-żmien biex twettaqhom. Dan ifisser li (t-tieni) kundizzjoni marbuta mal-ħlas tas-somma fi flus lanqas ma hija ta’ xkiel biex il-kumpannija kreditriċi attriċi titlob il-ħlas tagħha wkoll minnufih. Dan għaliex ladarba ntilef il-benefiċċju tat-terminu, dan intilef fuq id-dejn kollu li kien għad fadal u l-kwestjoni tal-ħlas tat-terz tiġi li ntemmet ukoll. Minħabba l-fatt li l-imħarrkin miżżewġin Guccione daħlu garanti solidali mal-kumpannija mħarrka għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet tagħha, huma għandhom flimkien magħha wkoll jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha;

Illi għar-rigward tal-ilment tal-imħarrkin li l-attriċi ma tistax titlob ukoll il-ħlas ta’ imgħaxijiet, wieħed irid jiftakar li l-obbligazzjoni ewlenija kienet dik ta’ radd lura ta’ dejn magħruf. L-għoti ta’ xogħol kien maħsub biss bħala *modus executionis* ta’ biċċa biss mill-obbligazzjoni, u mhux l-obbligazzjoni nfisha. Il-kuntratt kien iqis ukoll li ma kien jitħallas l-ebda mgħax sakemm jitħarsu ż-żminijiet u l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet. Ladarba dik ir-rabta ma nżammitx, u ladarba ntemm il-benefiċċju taż-żmien, l-obbligazzjoni saret waħda li tħalli l-effetti kollha li kull obbligazzjoni oħra bla kundizzjoni toħloq bejn min ikun daħal għaliha;

Illi n-nuqqas ta’ twettiq f’waqtu ta’ obbligazzjoni jnissel il-jedd tal-kreditur għad-danni kontra min ma jkunx wettaq dik l-obbligazzjoni[11]. Il-liġi[12] trid li d-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni ta’ obbligazzjoni (fejn din l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta’ somma determinata) jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. Minħabba f’hekk, l-imħarrkin m’għandhomx raġun

[11] Art. 1125 tal-Kap 16
[12] Art. 1139 tal-Kap 16

jilmintaw mit-talba tal-kumpannija attriċi kreditriċi tagħhom sabiex titħallas ukoll l-imgħax;

Illi jonqos biss li l-Qorti tillikwida kemm mid-dejn għad fadallu jitħallas lill-kumpannija attriċi. Dak inhar tal-kuntratt, id-dejn magħruf kien jitla' għal € 99,397.53. Sar b'kemm jiswew € 3,324.05 f'xogħol għall-benefiċċju tal-kreditriċi. Iżda din nefqet € 872.28 f'xiri ta' materjal biex seta' sar dak ix-xogħol. Dan iġib li l-bilanċ li għad fadallu jitħallas huwa ta' sitt u disgħin elf disa' mija u ħamsa u erbgħin euro u sitta u sebgħin ċenteżmi (€ 96,945.76), fuq liema somma għandu jgħaddi mgħax bit-tmienja fil-mija fis-sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2008;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka naqset li twettaq f'waqthom l-obbligazzjonijiet li ntrabtet bihom fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn lejn il-kumpannija attriċi, u għalhekk tilfet il-jedd li tibqa' tħallas dejnha bil-benefiċċju taż-żmien;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tiddikjara li l-prezz tax-xogħol li l-kumpannija laħqet wettqet kien jiswa b'kollox tlitt elef tliet mija u erbgħa u għoxrin euro u ħames ċenteżmi (€ 3,324.05), li minnu jrid jitnaqqas l-ammont ta' tmien mija u tnejn u sebgħin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€ 872.28) rappreżentanti l-prezz ta' materjal minfuq mill-kumpannija attriċi kreditriċi biex seta' sar l-imsemmi xogħol;

**Tiddikjara** li għalhekk, għad fadal x'titħallas is-somma ta' €96,945.76 mid-dejn mistqarr skond l-imsemmi kuntratt, fuq liema somma għandu jgħaddi mgħaxbir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin kollha flimkien u solidalment bejniethom jħallsu lill-

kumpġannija attriċi l-imsemmija somma ta’ € 96,945.76 bl-imgħax kif fuq ingħad;

**Tikkundanna** lill-istess imħarrkin biex iħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------